13 ta' Novembru 1967.

Imħallfin:

S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.
Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S., Viċi-President
Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Avukat Dr. Francis Portanier

*versus*

Dottor Frank Chetcuti et noe et.

## Appell — Nullità ta' — Rappreżentanza fi- — "Hardship" relattiv — Bord tal-Kera.

*Mhux null appell interpost mill-mara bħala kuratriċi ta' l-imsiefer żewġha, meta fil-kors tal-kawża fil-prima istanza r-raġel ikun irritorna Malta u assuma l-atti tal-kawża hu, u mbagħad jkun reġa' siefer. Għalkemm il-mara ma tkunx ġiet mill-ġdid nominata bħala kuratriċi, id-degriet originali tal-Qorti għandu jittieħed bħala li jirripristina ruħu.*

*Fil-konsiderazzjoni tal-"Hardship" f'każijiet ta' żgumbrament quddiem il-Bord tal-Kera, għandhom importanza kbira dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jinfluwixxu fuq is-saħħa tal-familji tal-partijiet.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jirregola l-kera biex jieħu lura l-fond 389 Saint Joseph Road, Santa Venera, mikri lill-intimat Coppola, billi għandu bżonnu għall-użu personali tiegħu, u offra lill-intima bħala alternative accommodation il-fond flat 2 fin-numru 492 Saint Joseph Road Santa Vennera, jew il-fond numru 34 Saint Francis Street Tarxien;

Rat ir-risposta;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord ta' l-20 ta' Lulju, 1967 li biha rrespinġa l-eċċezzjoni tal-intimat illi l-kawża ġiet istitwita ħażin kontra tiegħu.

Laqgħa t-talba tar-rikorrent, purkè jibqgħu available għall-intimat il-fondi offerti, u ta t-terminu ta' xahrejn lill-intimat għall-fini tal-iżgumbrament. U peress illi lill-intimat ġiet mogħtija x-xelta taż-żewġ fondi, dana għandu jiddikjara permezz ta' nota li jippreżenta wara l-atti ta' din il-kawża fi żmien għoxrin ġurnata, liema miż-żewġ fondi offerti huwa sejjer jaċċetta u t-terminu għall-iżgumbrament

jibqa jiddekorri mill-ġurnata li tiġi preżentata din in-nota, u in difett mill-iskadenza tal-għoxrin ġurnata fuq imsemmija. L-ispejjes kollha, in vista taċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għall-terz mir-rikorrent u żewġ terzi mill-intimat, — wara li kkunsidra;

Illi kif jirriżulta mix-xhieda ta' Dottor Thomas Agius Ferrante, ir-rikorrent għandu bżonn impellenti li jkollu fond fejn jabita aħjar minn dak fejn joqgħod, li huwa wieħed mill-fondi li qed jiġi offert ukoll lill-intimat.

Illi mill-fondi offerti l-flat fejn jabita attwalment ir-rikorrent ma hux reasonably suitable bħala daqs għall-intimat. Dan il-fond jikkonsisti fi tliet ikmamar, kuritur u kċina aktarx kbira, li ma hux għalhekk raġonevolment suffiċjenti għall-intimat, li għalkemm preżentement jinsab imsiefer, u impjegat l-Ingilterra, għandu joqgħodu fil-fond lil martu u ġuvni, anke jekk ma tittieħidx in konsiderazzjoni omm l-intimat li marret toqgħod miegħu in pendenza tal-kawża u għandha abitazzjoni proprja.

Illi l-fond l-ieħor ta' Ħal Tarxien, bħala daqs huwa suitable għall-intimat, kif jirriżulta mid-deskrizzjoni tiegħu tal-membri tekniċi, u dana anke jekk tiġi konsiderata bħala formanti parti mill-familja tal-intimat l-imsemmija ommu. L-intimat oġġezzjona għal dan il-fond kwantu għall-"character" tal-ambjent fejn hu sitwat dan il-fond. Dana prinċipalment għaliex fil-viċin hemm garages ta' private buses, mit-triq jgħaddu l-mogħoż biex imorru jirgħu, u fil-viċin hemm ċimiteru. Dan il-fond jinsab ħdejn Sardinia Lane, u qiegħed ftit il-bogħod mill-Neolithic temples, u hemm ċimiteru li qiegħed fit-tarf ta' Saint Theresa Street. Jirriżulta wkoll illi minn dik it-triq jgħaddu xi mogħoż għar-raba ta' wara, għalkemm fit-triq ma hemmx postijiet fejn jinżammu l-mogħoż;

*Illi* fil-fehma ta' dan il-Bord dawn il-fatti ma jirrendux il-fond mhux raġonevolment adatt għall-intimat minħabba l-character tal-ambjent, iżda anke kieku kellu jiġi konsiderat unsuitable għal daqshekk, il-hardship tar-rikorrent jekk it-talba tiġi respinta jkun akbar minn dak tal-intimat. Infatti jekk kellu jmur joqgħod f'dan il-fond ir-rikorrent, li għalih huwa anke available, a parte illi l-istess inkonvenjenti li fuqhom jilmenta l-intimat japplikaw anke għar-rikorrent u l-posizzjoni soċjali tiegħu ċertament ma hix anqas minn dik tal-intimat, dana jkollu anke l-inkonvenjent li huwa bħala avukat li għandu l-klientela tiegħu prevalentement fil-post fejn jabita, ikun qed jitbiegħed minn dan il-post. Barra minn dan ir-rikorrent bħala wieħed li jieħu parti attiva fil-politika u jirrappreżenta l-kumitat distrettwali li jinkludi l-Hamrun, karika li tippostula illi huwa jirrisiedi f'dan id-distrett, u kif xehed l-Onorevoli Dottor Vincent Tabone, segretarju ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, jekk ir-rikorrent ma jibqax jirrisiedi fid-distrett, jiddekadi mill-karika tiegħu;

Illi hu veru illi l-liġi tiddisponi illi għall-apparezzament tal-hardship għandha tittieħed kwalunkwe alternative accomdation available sija għall-parti kemm għall-oħra, iżda huwa intuitiv illi meta jkun hemm fond available għat-tnejn li bħala extent ikun suitable għaż-żewġ parti; il-konsiderazzjonijiet fuq esposti għandhom jiġu eżaminati u għandhom il-piż tagħhom biex jiġi konkluż fuq liema naħa jaggrava aktar il-piż tal-hardship;

Illi fis-seduta tat-23 ta' Frar, 1967, id-difensur tal-intimat eċċepixxa illi peress illi l-lokazzjoni tal-fond in kwistjoni hija tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-intimat u martu, il-kawża kellha tiġi istitwita direttament kontra Maria Coppola f'isimha proprju, u mhux kontra żewġha li hu msiefer;

Illi skond l-art. 1362 tal-Kodiċi Ċivili, l-amministrazzjoni tal-akkwisti tmiss lir-raġel, u quddiem it-terzi jiġi kunsidrat bħala proprjetarju assoluta, u din id-disposizzjoni hija di ordine pubblico. Din l-amministrazzjoni ma tispettax lil mara, u għalhekk qatt ma setgħet kienet il-leġittimu kontradditur ta' kawża dwar oġġett li jispett lil komunjoni. Issa l-liġi ma għamlet ebda eċċezzjoni għal din ir-regola meta r-raġel ikun imsiefer jew assenti, kif għamlet, per eżempju fl-art. 784 (a) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fejn iddisponiet illi l-mara miżżewġa tista taġixxi jew tiġi konvenuta mingħajr l-assistenza jew l-awtorizzazzjoni ta' żewġha meta dan ikun nieqes min dawn il-Gżejjer. Din id-disposizzjoni li tirrigwarda l-beni propri tal-mara jew l-amministrazzjoni tagħhom, ma tistax tiġi anke estiża għall-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, li dwarhom ir-raġel kif hu risaput, "vivit ut dominus";

Illi huwa minnu li l-mara tal-intimat għandha interess, kif issottometta d-difensur tal-intimat, li tissalvagwarda l-interessi tal-komunjoni, iżda għalkemm hu prinċipju in materja illi "l'interesse è il limite dell'azione", u li "point d'interet point d'action", mhux kull min għandu interess f'kawża huwa neċessarjament il-leġittimu kontradditur, tant illi l-liġi stess tikkontempla l-istitut tal-intervent fil-kawża, li huwa appuntu intiż biex l-interessat li ma jkunx il-leġittimu kontradditur jittutela dak l-interess tiegħu.

Illi għalhekk Maria Coppola, bħala interessata setat tintervjeni fil-kawża, kif d'altronde fil-fatt għamlet billi talbet u ġiet ammessa li tiġi nominata kuratriċi għad litem ta' żewġha minflok il-kuraturi d'uffiċio, imma dana ma jġibx illi l-kawża ġiet istitwita ħażin kontra l-intimat unikament;

Rat ir-rikors ta' Maria Coppola mart Charles u fil-kwalità premessa li bih appellat minn dik id-deċiżjoni u talbet

li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellant tiġi miċħuda bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li biha, preliminarment eċċepixxa l-iritwalità tar-rikors ta' l-appell peress li ma ġiex preċedut minn ebda assunzjoni ta' l-atti da part ta' l-appellanti: u, fil-meritu qal illi d-deċiżjoni appellata hi ġusta u tisthoqq konferma bl-ispejjes.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

**L-ewwelnett dwar l-eċċezzjoni preliminari;**

Peress illi, fiż-żmien li ġie preżentat ir-rikors ta' l-appellat quddiem il-Bord, Charles Coppola — l-inkwilin li kontra tiegħu t-talba kienet diretta — kien assenti minn Malta, ġew nominati bħala kuraturi "ex officio" biex jirrappreżentawh l-Avukat Dottor Frank Chetcuti, u l-Prokuratur Legali Joseph Galea. Iżda fit-23 ta' Frar, 1967 l-appellanti Maria Coppola mart l-imsemmi Charles talbet biex tiġi nominata kuratriċi ta' żewġha flok l-imsemmija kuraturi d'ufficcio u l-Bord laqa' t-talba, innomina lilha bħala kuratriċi u ħareġ barra mill-kawża lill-imsemmija Dottor Chetcuti u Prokuratur Legali Joseph Galea.

Intant, waqt illi l-kawża kienet miexja, Charles Coppola ġie lura Malta u b'nota ta' l-4 ta' April, 1967 asuma l-atti f'ismu stess. Jidher però illi, wara li xehed quddiem il-Bord fis-seduta tat-13 ta' April, l-imsemmi Charles Coppola raġa siefer, kif jidher mix-xhieda ta' l-Ispettur Claridge, fil-21 ta' April, u kien imsiefer meta ingħatat id-deċiżjoni appellata fil-20 ta' Lulju.

Ma jidhirx mill-proċess illi, wara li żewġha reġa telaq

minn Malta kif għadu kemm intqal, l-appellanti Maria Coppola reġgħet assumiet l-atti tal-kawża floku. Kurjożament, anzi, bi svista evidenti, fil-24 ta' Mejju ġie ippreżentat rikors għat-taħrik ta' xhieda f'isem l-"Avukat Dottor Chetcuti noe" (sic), nonostant li l-kuraturi d'ufficio kienu ilhom il ġew maħruġin mill-kawża.

Issa, minħabba, li da parti ta' l-appellanti Maria Coppola ma saritx dik l-assunzjoni ta' l-atti, l-appellat issottometta illi hi ma kelliex vesti biex tappella, kif għamlet, bħala kuratriċi ta' żewġha u l-appell tagħha għandu jitqies null.

Il-Qorti ma jidhrilhiex li din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa. Il-kuraturi d'uffiċju kienu inizjalment ġew maħturin mill-Bord fuq talba ta' l-appellat biex "jirrappreżentaw lil Charles Coppola f'din il-proċedura u fl-atti l-oħra kollha relativi u sussegwenti" skond is-solita formula. Imbagħad ġiet sostitwita għalihom Maria Coppola, naturalment għall-istess inkarigu. Fil-fehma tal-Qorti, meta wara li Charles Coppola assuma l-atti f'ismu, raġa siefer, bla ma hu stess ħatar jew ġie bil-ministeru tal-Bord maħtur, rappreżentant ieħor, ir-rappreżentanza tiegħu għall-finijiet tal-kawża da parti ta' martu li kienet ġa qabel teżisti, irripristinat ruħha. Din wkoll, fiċ-ċirkostanzi, għandha titqies li kienet ir-rieda ta' Charles Coppola. Sata kien aħjar u iktar regolari kieku Maria Coppola formalment reġgħet assumiet l-atti iżda ma jidhirx illi n-nuqqas ta' dan, fil-fatt, ipprivaha minn dik ir-rappreżentanza li għaliha kienet ġiet, qabel, formalment maħtura.

Fil-każ preżenti mbagħad hemm ċirkostanza oħra, rilevata mill-appellanti fit-trattazzjoni ta' l-inċident, li tista wkoll timmilita kontra l-eċċezzjoni ta' l-appellat. Id-deċiżjoni appellata ingħatat fil-konfront ta' Maria Coppola bħala kuratriċi ta' żewġha. Veru illi, kif ġie ritenut drabi oħra, l-'okkju'

għandu importanza relativa u ma jitbiddilx fil-kors tal-kawża għalkemm jista' ikun hemm kambjamenti fir-rappreżentanza tal-partijiet jew waħda minnhom (Vol. XXXIII, I, 134): iżda hawn si tratta ta' deċiżjoni tal-Bord fejn l-oriġinal miktub mill-Maġistrat presidenti jikkostitwixxi it-test awtentiku tagħha. Għalkemm, fil-verita, il-Qorti ma tannettix importanza eċċessiva jew deċiżiva għal dan il-fatt, hu jkompli juri dak li fuq ġa intqal ċioè illi r-rappreżentanza da parti ta' Maria Coppola bħala kuratriċi ta' żewġha tkompliet wara li hu raġa siefer.

Għalhekk l-eċċezzjoni ta' l-appellat tan-nullita ta' l-appell hi miċħuda bl-ispejjes kontra tiegħu.

Ikkunsidrat fuq il-meritu.

Bħal bosta oħrajn ta' din ix-xorta dan il-każ hu diffiċli: iżda wara li qieset kollox bir-reqqa din il-Qorti ma jidhriliex li għandha tiddisturba il-konklużjoni finalment raġġunta mill-Bord.

Lill-appellanti nomine ġew offerti żewġ fondi bħala alternative accommodation. Għal dak ta' Santa Venera instabet oġġezzjoni għax hu żgħir; għal dak ta' Ħal-Tarxien, għax jinsab sitwat f'lokalità mhux deżiderabbli. Kif ġa irrileva l-Bord, l-istess raġunijiet li għalihom l-appellanti oġġezzjonat għal fond ta' Ħal-Tarxien japplikaw wkoll għall-appellat, in kwantu jista jitqies li dak il-fond hu wkoll available għalih, għall-finijiet tal-paragun tal-hardship. Mingħajr, għalhekk, bl-ebda mod ma tippriva lill-appellanti mill-offerta ta' dak il-fond li tibqa miftuħa kif inhi fid-deċiżjoni appellata, din il-Qorti, għall-finijiet tal-paragun tal-hardship rispettiv, ser tħares lejn il-każ bħalli kieku kien offert biss il-fond Nru. 389 St. Joseph Road, Santa Vennera, attwalment okkupat mill-appellat.

Il-kera tal-fond in kwistjoni hu £30 mentri dak tal-fond offert hu £60: iżda, kwantu għal dan ma saritx oġġezzjoni da parti ta' l-appellanti. Inoltre l-appellat offra meta xehed illi jekk l-appellanti tieħu dak il- fond hu jħallas id-differenza tal-kera għal ħames snin.

Il-kwistjoni unika tirrigwarda id-daqs tal-fond offert. Il-Bord ikkunsidra dan il-fond żgħir wisq għall-appellanti u l-familja u għalhekk mhux raġonevolment suitable għalihom bħala daqs. Iżda hu appuntu għalhekk illi hemm lok għall-paragun tal-hardship, għax kieku l-fond offert tqies għal kollox suitable, il-kwistjoni tal-hardship ma kienitx tqum, ġa la darba dwar il-bżonn ta' l-appellat ma hemmx kwistjoni.

Kollox għalhekk, fuq il-bażi fuq imsemmija, sostanzjalment jiriduċi ruħu li wieħed jara minn jbati l-iżjed, l-appellat jekk jkun kostrett li jibqa jgħix f'dak il-fond jew l-appellanti jekk ikollha tieħu dak il-fond. Rigward din il-kwistjoni l-Qorti tistqarr li ġiet impressjonata bil-qawwa kollha mid-dikjarazzjonijiet tat-Tabib Dottor Agius Ferrante u ċ-ċirkostanzi l-oħra riżultati. Il-familja ta' l-appellat tikkonsisti fih u fil-mara u erbat itfal żgħar, l-ikbar ta' 3 snin u l-iżgħar tarbija li twieldet ma tul il-kawża: oltre serva li torqod id-dar. B'kollox 7 min-nies. Il-mara u l-erba titfal jorqdu f'kamra waħda, l-appellat jorqod fuq "divan bed" fil-kċina u s-serva torqod fis-salott li l-appelat jużah wkoll bħala li studju legali tiegħu. Inoltre l-appellat xehed illi fil-kċina jaħdmu wkoll żewġ skrivani mal-mara tiegħu fil-lotterija nazzjonali.

Dr Agius Ferrante xehed illi din l-overcrowding qed jaffettwa t-trobbija u l-isvilupp normali tat-tfal li, anki minħabba f'hekk, huma "below normal" fl-isvilupp tagħhom. Fiċ-ċertifikat Dottor Agius Ferrante irribadixxa x-xhieda li

kien ta u għamel enfasi fuq l-urġenza, li fl-interess speċjalment tas-saħħa tat-tfal, jinstab rimedju.

Issa l-Qorti ma jidhriliex illi dan il-fond offert, għalkemm aktarx żgħir anki għall-appellanti, hu inadegwat għalihom fl-istess grad ta' hardship. Charles Coppola ilu msiefer kemm ilu li irtira mill-Pulizija, aktar min tliet snin u f'dan il-perjodu ġie Malta erba darbiet, kul darba għal xi xahar. Hu qal illi qed jipprova jsib xogħol hawn Malta u għandu prospetti tajba, u l-Qorti s'intendi ma tistax ma iżżommx din il-possibilità quddiem għajnejha. Il-familja tiegħu tikkomprendi lil martu u ibnu ġuvni ta' xi 16 il-sena Ma tul il-kawża wkoll marret wkoll toqgħod magħhom aktarx għal perjodi twal ommu: però din għandha dar proprja, li parti minnha tikriha lin-nies. Hi għandha tifla miżżewġa tas-Sliema li għandha żewġ xebbiet joqgħodu magħha u kull tant kienet anki tmur għal xi żmien għandha. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti ma jidhriliex li l-hardship li jbati Charles Coppola u l-familja tiegħu — wisq iżgħar bħala numru ta' persuni mill-familja ta' l-appellat — ikun wisq kbir jew intollerabbli jekk ikollu joqgħod fil-flat offert li, — għal bqija kollu, ma ntqal xejn kontra tiegħu. Apparti mill-bżonn ta' spazju akbar li l-appellat għandu urġentement — li hu verament l-element determinanti — ma jistax anqas, fil-paragun tal-hardship rispettiv — jiġi injorat il-bżonn partikolari ta' l-appellat li jkollu studju jew uffiċju għall-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tħoss li ma tistax tilqa l-appell u għalhekk tikkonferma d-deċiżżjoni appellata iżda b'dana illi l-ispejjeż kollha sew ta' prim'istanza kemm ta' l-appell — esklusi dawk ġa deċiżi — jibqgħu mingħajr taxxa; iż-żmien għall-iżgumbrament ikun ta' tliet xhur ż-żmien biex l-appelant tiddikjara liema miż-żewġ fondi offerti beħsieba tagħżel ikun ta' xahar u ż-żmien għall-iżgumbrament jibda

jiddekorri mill-għeluq ta' dan ix-xahar; u fil-każ li l-appellanti tagħżel li tieħu l-fond offert ta' Santa Vennera, l-appellat ikun obbligat li iħallas, kif offra, id-differenza tal-kera għal ħames snin jew sakemm l-appellanti tibqa tokkupa dak il-fond jekk tivvakah qabel il-ħames snin.